# Primat Għawdxi f' ta' Sannat
## Il-Vestizzjoni Solenni ta' l-Abbatini fl-1952
### tagħrif migbur minn TONI CALLEJA


L-arċipriet George Debrincat

Sa minn żmien immemorabbli, fil-parroċċi u l-knejjes tagħna, xi xorta ta' lajċi qaddejja ta' l-artal, kienu jeżistu dejjem. F'arkivju tal-Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex, fis-sezzjoni tar-Rikorsi, insibu ruxxmata ta' talbiet minn tfal subien ta' madwar id-disa' snin - għaxra, biex ikunu jistgħu jilbsu l-abiti klerikali u jservu fil-knejjes rispettivi tagħhom għal perjodu ta' tliet snin, kif allura kien rikjest mill-Moto Propju tal-Papa Piju VI (1775-9). L-iskop prinċipali ta' dawn it-tfal kien li 'l quddiem isiru saċerdoti. Issa erħila li minħabba diversi fatturi, il-kotra minnhom ma kinux jaslu għal dan l-iskop.

**It-twaqqif tal-Piccolo Clero kif nafuh illum**

Nhar l-20 ta' Novembru, 1947, il-Papa Piju Xll ħareġ Enċiklika jisimha Mediator Dei li fiha, fost l-oħrajn, appella biex il-lajċi jipparteċipaw b'mod aktar sħiħ u intelliġenti fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa. Il-papa wera wkoll il-fatt li għandu jkollha "tfal twajba, magħżula minn kull klassi ta' insara, imgħallma sewwa biex iservu l-Artal bla interess ta' flus".

Fil-gżejjer tagħna, s-sejħa tal-Papa ma waqgħetx fuq widnejn torox, u l-isqfijiet taż-żewġ djoċesijiet bdew jimpenjaw irwieħhom biex f'kull parroċċa jimbena Piccolo Clero fuq sisien ġodda. Biex dan l-iskop jintlaħaq, l-arċisfof Mikiel Gonzi, ħatar lill-Kan. Gużeppi Delia (1909-1976), saċerdot imwieled Bormla, bħala l-ewwel Direttur Djoċesan biex iħarreġ l-abbatini fil-liturġija u jnissel fihom aktar vokazzjonijiet. Għal dan l-għan, il-Kan Delia fassal sett ta' ċeremonjal (1953)u regolamenti (1954) li fuqu kellhom jibdew isiru l-vestizzjonijiet ta' l-abbatini.

L-ewwel Piccolo Clero mwaqqaf f'Malta fuq is-sistema kollettivo-dixxiplinari kien dak tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta, fl-1937; waqt li l-ewwel vestizzjoni solenni kienet dik ta' l-abbatini tal-bażilka ta' l-Isla nhar il-Ħadd 11 ta' Jannar 1953.

**L-ewwel vestizzjoni f'Għawdex**

Il-vestizzjoni ta' l-abbatini ta' l-Isla ħalliet impressjoni kbira u tat impuls ta' edifikazzjoni liema bħala ħalli l-abbatini jiġu kkultivati iżjed spiritwalment u miġbura f'għaqda waħda djoċesana.

Din il-ħaġa ma damitx ma waslet għal widnejn l-arċipriet ta' Sannat, Dun Ġorg Debrincat. Dun Ġorg, bħala iben il-parroċċa, u ħerqan biex iġib ir-raħal dejjem aktar 'il quddiem, bil-kunsens ta' l-isqof djocesan Mons Ġużeppi Pace, dlonk talab il-kooperazzjoni tal-Kan G. Delia biex jorganizza l-ewwel vestizzjoni ta' l-abbatini, f'Għawdex u preċiżament f'ta' Sannat.

Il-kandidati prospettivi Sannatin għall-vestizzjoni għamlu max-xahrejn jippreparaw ruħhom bl-assistenza kontinwa ta' l-arċipriet Debrincat fit-tliet **suġġetti li huma indispensabbli għal kull Piccolo Clero: (i) ir-regoli ta' l-**abbatini; (ii) il-Liturġija elementari u (iii) il-Galateo, jew l-edukazzjoni ta' l-abbati. Wara sar eżami li skond ir-riżultat tiegħu, l-aħjar disa' abbatini saru "Prinċipali", li allura jkollhom ir-responsabbilta' għas-servizz kollu ta' matul is-sena. L-aħjar tnax-il abbati ta' wara jsiru "Riservi" voldieri abbatini li jkunu lesti biex jgħinu l-Prinċipali meta jkun meħtieġ. Fl-aħħar jingħażel il-prefett ta' l-abbatini - għażla li tiddependi mhux biss mill-eżami, imma wkoll minn ċerti kwalitajiet meħtieġa mir-Regulamenti tal-Piccolo Clero.

**Lejlet il-vestizzjoni f'ta' Sannat - laqgħa fil-Kurja.**



L-arċipriet Debrincat flimkien ma' l-abbatini

Kien sinjal ta' għożża kbira meta lejlet l-ewwel vestizzjoni ta' l-abbatini tad-Djoċesi ta' Għawdex, isqof Ġużeppi Pace ta udjenza lill-Kan Ġużeppi Delia, direttur djoċesan ta' l-arċidjoċesi Maltija. Matulha informah li huwa kellu l-ħsieb jaħtar lil Dun Anton Grech Vella (Victoria) bħala l-ewwel direttur djoċesan ta' l-abbatini Għawdxin billi dan ġa kien f'kuntatt mal-Kan Delia fuq l-organiżżazzjoni tal-Piccolo Clero.

**Jum l-ewwel vestizzjoni ta' l-abbatini f'Għawdex**

Fl-aħħar, nhar il-Ħadd l-1 ta' Marzu, 1953, wasal il-jum li l-abbatini Sannatin tant kien ilhom jaspiraw għalih. Barra mill-Kan Delia kien mistieden il-parrokat Għawdxi bl-abbatini rispettivi tagħhom u l-pubbliku nġenerali.

Il-funzjoni li tmexxiet fuq l-istess ċeremonjal ippublikat għall-okkażjoni ta' l-ewwel vestizzjoni f'Malta, kellha l-bidu tagħha fit-2.45 p.m. Dak il-ħin l-abbatini mistiedna, flimkien mad-Direttur jew Delegat tal-kappillani, telqu mid-dar kanonika ta' l-arċipriet ta' Sannat, daħlu proċessjonalment il-knisja ħalli jassistu għall-funzjoni bl-ispellizza.

Wara għasar kantat mill-Piccolo Clero, fit-3.00 p.m. saret il-vestizzjoni tar-"riservi" li kienu 11, u tal-"Prinċipali" li kienu 9. L-abbatini l-ġodda ħarġu mis-sagristija wara l-"prefett" tagħhom libsin *civilians*, bis-suttana u l-ispellizza fuq dirgħajhom, flimkien maċ-Ċelebrant, l-arċipriet Dun Ġorg Debrincat. Imbagħad wara li tkanta s-salm *Quam dilecta* u saret talba lill-Ispirtu s-Santu, l-arċipriet għamel il-mistoqsijiet rikjesti lill-abbatini l-ġodda. Meta kien sodisfatt bit-tweġibiet tagħhom, berkilhom l-ilbies, saret il-vestizzjoni u hekk ġew aċċettati bħala "riservi". Saret vestizzjoni wkoll ta' 9 abbatini anzjani li kien ilhom iservu fil-Knisja, u ngħatatilhomn d-diploma ta' Prinċipali.

Kien imiss id-diskors tar-ċirkustanza magħmul mid-direttur djoċesan ta' arċidjoċesi ta' Malta, il-Kan. Ġużeppi Delia, li tant kien irnexxielu jiġbed ukoll is-simpatija tal-Għawdxin. Il-kan Delia wara li spjega xi tfisser dik il-vestizzjoni u x'inhu l-Piccolo Clero, insista ħafna fuq il-kooperazzjoni tal-ġenituri mal-kleru għas-suċċess ta' l-abbatini.

Il-funzjoni għalqet bi-kant ta' Te Deum u bil-barka sagramentali bħala kaparra ta' sedqa fit-tfal li kellhom ix-xorti jieħdu sehem fl-ewwel vestizzjoni solenni ta' abbatini f'Għawdex.


Polyvan Mercieca

Crane Hire

Tel: 2156 2385,

Mob: 9947 7958